Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414
.

## MINUTI TAL-GHAXAR LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 12 ta' Jannar 2016 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA- SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI – MS **SKUZAT** |
| **Kunsilliera** | Sinjura | MARISA ABELA- MA |
| | Sur | RAYMOND AZZOPARDI- RA |
| | Sur | RALPH CASSAR- RC |
| | Sur | JOHN DEBONO- JD |
| | Sur | ALEX MANGION- AM |
| | Sinjura | CONNIE SCERRI- CS |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD- SE |

Kulhadd kien prezenti u fil-hin bl-eccezzjoni li is-Sur MS li gie skuzat minhabba mpenji ta' xoghol li ma kellux kontroll fuqhom.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati wara li saret korrezzjoni ghax is-Sinjura MA ma kinitx immarkata skuzata fl-ahhar laqgha.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   Hadd ma qajjem punti, hlief li s-Segretarju Ezekuttiv talbet lis-Sinjuri AM u MA biex igibu nota ta' meta kienu skuzati.

   Sospensjoni tal-Laqgha mis-Sindku biex jitkellem is-Sur Aldo Busuttil. Is-Sur Busuttil prezentament jinsab imqabbad mir-Regjun Centru biex jaghmel spezzjonijiet fuq l-apparat u l-Gonna Pubblici rigward sahha u sigurtà. Hu propona li jsiru korsijiet b'xejn ta' gurnata fuq is-siguratà fid-dar, fuq il-post tax-xoghol u ambjenti ohra. Fost hafna affarijiet semma kemm illum hadd mhu konxju tal-perikli bhal ma l-ahhar darba kien ghaddej mir-rahal u ra nies fuq il-kampnar tal-knisja bla cinturini u apparat iehor. Is-Sur SC qabel ma' dak kollu li qal is-Sur Busuttil imma jekk isiru korsijiet iridu jsiru ghall-kbar daqs kemm ghaz-zghar. Is-Sur AM propona li l-korsijiet isiru fuq dati differenti u jigu reklamati fuq *leaflet.* Is-Sinjura MA qablet fuq l-ideja tal-*leaflet* u li jitqassam fid-djar kollha.

3. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI JANNAR 2016**
   Approvati wara li saru mistoqsijiet fuq il-pagamenti ta's-Sur Neil Micallef li gie spjegat li hu podologista Santa Katerina. Is-Sur RA ssuggerixxa li jekk is-servizz tal-podologista ghandu jinghata dan ghandu jinghata lill-kulhadd. Is-SC qal li mpossibli taghmlu ghal H'Attard kollu meta hemm servizz il-klinika eccellenti u apparti minn hekk is-servizz qieghed ghal min ma jkunx jista' johrog id-dar.

   Is-Sur Alfred Zammit saqsa jekk il-pagi jinkludux il-Perf. Bonus. Is-SE qalet li iva.

4. **DISKUSSJONI U APPROVAZZJONI *DRAFT BUDGET***

Is-SE spjegat kull spiza tal-Budget fid-dettal u wara li saru xi mistoqsijiet fosthom fuq spejjez kapitali dan gie approvat.

5. ***URBAN GREENING PROJECT***

Wara li l-Kunsill Lokali H'Attard gie identifikat bhalha wiehed mill-lokalitajiet li ntghazlu biex jaghmlu parti mill-UGP fejn se jinghataw xejn inqas minn €30,000 kull wiehed is-Sinjuri JD, CS U RC bdew jahdmu sabiex ihejju l-istima tal-progett. Fil-fatt din giet sottomessa sal-31 ta' Dicembru u f'dan ir-rigward se ssir laqgha nhar il-Hamis, 14 ta' Jannar fit-3pm. Is-Sur SC fakkar fuq Sqaq Sant'Anna, filwaqt li s-Sur RC qal li s-sigar fl-istima huma kollha indigeni u differenti nkluz xi *strawberry trees.*

6. **DISKUSSJONI RAPPORT GEMELLAGG U *WAY FOWARD* MINN ISSA S'OTTUBRU**

Is-SE qalet li rceviet ir-Rapport ta' Vizita dwar il-Gemellagg li kien wiehed pozittiv hafna. Qalet li digà qed isiru diskussjonijiet mal-iskola t' Pascal Sellin sabiex jsiru tournament tas-Subbuteo filwaqt li ghaddejjin diskussjonijiet ohrajn fuq it-10Km Race ta' Frar u t-tournament tal-futbol f'April.

Is-Sur RC ssuggerixxa li ssir laqgha ohra fuq il-fondi Ewropej ma' Atriga f'dan ir-rigward.

7. **AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur SC ressaq dawn il-punti:

- Talba mill-Palazz tal-President sabiex jitnehha parking u jinghalaq l-access min-naha ta' fuq fi Triq Sant'Anton habba l-festa tac-Citru.
  It-talba giet milqugha a kundizzjoni li:
  Jkun hemm Gwardjan
  Ir-residenti jkunu nfurmati u li
  Jinhargu permessi ta' parking specjali tul it-triq ta' Sant'Anton ghar-residenti biss.

Is-Sur JD ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq l-attivita' tal-Kopin li se ssir nhar l-14 ta' Frar bejn id-9.30 u 12.00 u li fiha ha jkun hemm numru ta' stalls b'NGO's. Ha jigu ordnati 15-il kannizzata filwaqt li l-Kunsill qabel li l-co-finanzjament ikun ta' €300. Is-Sinjura CS ghandha titkellem mal-Kappillan dwar l-uzu tac-Centru Parrokkjali.
- Isir rapport lill-Transport Malta fuq culvert u livell ta' triq mhux kif suppost li qed jingemgha l-ilma wara kull xita u jtir ma' kullimkien.

Is-Sur RC halla l-kamra.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- It-*traffic lights* ta' Triq in-Nutar Zarb idumu biex jeqilbu.
- Jigu nkluzi fil-Budget il-bankini ta' Triq Victor Vassallo jew ghallinqas issir l-iktar parti kerha ta' Victor Vassallo hdejn il- *bus shelter*.
- Fakkar fuq l-ismijiet ta' fuq l-irhama hdejn il-Knisja.

Is-Sinjura CS ressqet dawn il-punti:

- Saqsiet jekk il-Kunsill giex ikkunsultat fuq ir-rotot prezenti ta' tal-linja. Is-Sur SC qal li saru laqghat fejn kollox kien ga ben fatt minhabba li kienu biss laqghat t'informazzjoni.
- Saqsiet jekk l-istazzjoni per ezempju jistghux isiru bandli ghat-tfal zghar mhux kbar biss. Is-Sur SC qal li jekk l-ispazju jippermetti jistghu isiru basta jkunu standard skond il-Health and Safety.

Is-Sur AM ressaq dawn il-punti:

- Saqsa jekk jistax jitmexxa bin fi Triq Kananea. Is-SE spjegat li da nil-bin ga kien fuq barra u minhabba li kien qed jintlaqat mill-karozzi tressaq fuq gewwa.
- Li JCI se jaghmlu laqgha dalwaqt.
- Talab li jsiru iktar *bike lanes.* Se jigi kkonsutat il-Perit dwar jekk hawnx lok fejn dawn isiru.

Is-Sinjura MA ressqet dawn il-punti:

- Talbet li jsir *dog bin* fi Triq Oliver Agius.

Is-Sur RA ressaq dawn il-punti:

- Talab li jintbaghtulu l-Allokazzjonijiet ghas-snin 2013-2016.

Il-laqgha giet aggornata ghat-Tlieta,16 ta' Frar 2016 fil-5.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ____________________ |
| Sindku | Data |